**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 14 ta' Ottubru, 2015

Rikors Nru : 266/15 AL

**AB**

***vs***

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-tmintax (18) ta' Ottubru, 1992, fil-Knisja ta' San Pawl, Malta, minn liema zwieg twieldu zewgt itfal, J li twieldet fid-disgha u ghoxrin ta' Jannar, elf disa' mija tlieta u disghin (29.01.1993) u li konsegwentement ghandha tnejn u ghoxrin sena (22) u M li twieled fl-ghaxra ta' Marzu tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (10.03.1997) u li konsegwentement ghandu tmintax-il sena (18). Iz-zewgt itfal huma maggorenni pero', it-tifel Matthew huwa student fuq bazi 'full-time' mal-MCAST. Fil-prezent ir-rikorrenti qieghda

tircievi l-ammont ta' mija u tletin Euro (€130) kull xahar minghand l-intimat ghall-bzonnijet ta' Matthew;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, datat hmistax ta' Mejju, tas-sena elfejn (15.05.2000), kopja ta' l-istess kuntratt hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A" u ghalhekk il-partijiet ilhom kwazi hmistax il-sena (15) li ottjenew is-separazzjoni personali;
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikorrenti ghar-rikconciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom hmistax-il sena (15) separati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi, skont klawsola numru hamsa (5) ta' l-istess kuntratt il-partijiet iddekadew reciprokament minn kull jedd jew dritt li jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin u dan minhabba ragunijiet validi u ammissibbli fil-ligi;
5. Illi r-rikorrenti diga' irrivertiet ghall-kunjom xbubitha u cioe' Attard u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni;
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat li permess taghha ikkonferma :

1. Illi l-esponent jaqbel mal-kontenut tar-rikors ipprezentat mir-rikorrenti AB kif ukoll jaqbel mat-talbiet attrici b'mod partikolari jaqbel li ghandu jigi dikjarat il-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet tat-18 ta' Ottubru 1992;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost huwa ma ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Mejju 2000 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.